MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

### MAGISTRAT DR.

### MIRIAM HAYMAN

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2014

Numru. 1065/2010

**Il-Pulizija**
**Spettur Paul Bond**

**vs**

**Etienne Fenech bin Alfred u Doris nee Aquilina, mwieled tal-Pieta' fil-31/05/1968, u joqghod Dolphin Court, Flat 3, Triq il-Qawra,**
**San Pawl il-Bahar, li ghandu numru tal-karta tal-identita' numru 241968M**

## Il-Qorti;

Rat l-akkkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Etienne Fenech** li gie akkuzat talli nhar l-4/09/2010 ghall-habta ta' bejn is-6.00 p.m. u s-7.00 p.m., waqt li kien fi Triq ix-Xtut, San Pawl il-

Bahar, attakka lil Mario Vella u wara li tah diversi daqqiet b'katina fuq il-persuna tieghu, ikkagunalu offizi ta' natura gravi f'idu x-xellugija u dan skont ma kif iccertifika t-tabib Dr Satya Brata Das M.D. (Reg. No. 2141) tal-Isptar Mater Dei.

U aktar talli fl-istess data, hin u lok kiser il-paci pubblika bl-ghajat, glied jew b'kull mod iehor.

Rat ukoll illi moqrija l-istess huwa wiegeb li ma kienx hati taghhom.

Rat ukoll l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali u cioe:
L-artikoli 214, 215, 218(1)(a)(2) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
L-artikolu 338(dd) tal-Kapitlu 9 tal-Ligjiiet ta' Malta;
L-artikolu 17, 31 u 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat ukoll illi l-imputat ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji.

Semghet il-provi kollha migjuba. Il-Pulizija li xehdu min-naha taghhom li rcevew ir-rapport u anke marru fuq il-post jekk kien hemm izjed minn wiehed xehed biss **PS 914 Mifsud Ivan**. Qal li fl-4 ta' Settembru, 2010 dahal fl-ghassa tal-Qawra l-imputat flimkien ma' Antoine Spiteri, kellhom xi daqqiet fuqhom bid-demm hiereg u qalulu li kienu gew attakkati waqt li kienu fil-boat house taghhom tal-Qawra minn ceru Mario Vella u ibnu Matthew Vella. Qal li skonthom l-argument inqala' minhabba hasil tad-dghajsa. Baghthom il-polyclinic minhabba l-griehi li kellhom.

Xehed li nizel hu jkellem lil dawn Vella li qalulu li min-naha taghhom li dan Fenech kien qed jahsel dghajsa b'hekk li l-

ilma beda niezel ghal quddiem il-garage taghhom u beda jaghmel ghadira, b'hekk meta bdew jghaddu l-karozzi bdew ixarrbu l-karozza tat-tifel Matthew.

Qalu dawn skontu li meta marru jkellmu lil dan Fenech dwar dan, dan qabad katina ghalihom. Ipprezentaw ukoll certifikat tal-griehi mahrug minn Dr Arlene Bonello fjen il-griehi gew certifikati bhala hfief. Xehed li aktar tard Mario Vella hadlu certifikat iehor mahrug minn certu Dr Das li issa kklassifika l-griehi ta' Mario Vella bhala gravi.

Irrediga r-rapport ta' l-incident, esebit il-PIRS bhala Dok IM (fol 19).

In kontroezami kkonferma li l-ghassa jaghmlu r-rapport marru Etienne Fenech u l-habib tieghu u li kien hu li nizel ikellem lil Vella.

Il-parti leza u ibnu xehdu. Min-naha tieghu **Mario Vella** qal li l-imputat kien tlegha dghajsa li beda jahsel b'pipe tal-ilma bis-sapun liema ilma beda jinzel quddiemu. Qal li b'hekk il-karozza li kellu pparkjata faccata bdiet tinhasel ukoll. Ghalhekk qal li lil Fenech qallu, mela in hekk Etienne, jghid li dan wiegu li ma kienx messu xtara boat house aktar 'l isfel minnu. Qal li zied jghidlu li ma kellux jitfa' zibel quddiemu li f'daqqa wahda, certu Antoine nizel jimbuttah mentri l-imputat dahal u gab Katina u ferieh f'idejh. Insista li l-imputat tah bil-katina u l-iehor imbuttah.

Qal li hu lil Fenech kellmu bil-kelma t-tajba, dahal dan gol-garaxx u gab il-katina. Esebixxa kemm ritratti tal-griehi sofferti Dok MV1 folio 56 kif ukoll ic-certifikat mediku tal-griehi gravi minnu sofferti Dok MV2 folio 57.

Ikkonferma in kontroezami li t-triq kienet ixxaqleb lejn il-boat house tieghu u li beda jdejqu t-taqtir li beda jaqa' fuq il-karozza tieghu, tal-karozzi li kienu ghaddejjin minn go l-ghadira li kienet qed tifforma b'dan l-ilma tal-hasil.

Innega li hu hareg ikellem lill-imputat b'mod irrabjat. Qabel li hu ma marx l-ghassa fil-bidu jaghmel rapport. Spjega li c-certifikat tal-griehi gravi hareg tardiv ghax damu biex indunaw in-natura tal-griehi sofferti.

Fuq ic-certifikat esebit xehed **Dr Satya Brata Das** (dan bil-lingwa Ngliza wara li l-imputat iddikjara li kien jifhem bl-istess, a folio 14). Spjega li dan kien sofra frattura tat-tieni metacarpal ta' idejh ix-xellugija u kellu rupture tal-muskolu tal-bicep ta' idu x-xellugija.

Ikkonferma li dawn il-griehi kienu jikkagunaw disabilita' permanenti, esebixxa f'dan ir-rigward id-dokument SB a folio 29.

Ikklassifika dawn il-griehi bhala griehi gravi ghaliex kien hemm il-frattura ta' l-ghadma u tal-muskolu li kienu jdumu biex jirkupraw.

Mistoqsi x'hin jimmanifesta ruhu l-ugigh fuq dawn il-griehi, qal li tal-ghadma immedjatament, tal-muskoli jista' jimmanifesta ruhu biss fi dghufija.

**Matthew Vella** iben Mario min-naha tieghu qal li l-imputat tella' d-dghajsa tieghu quddiemhom u tefaghha f'nofs tat-triq aktar il-fuq minnhom (cioe mill-boathouse taghhom). Qal li dan l-imputat beda jahsel b'pipe din id-dghajsa bl-ilma bahar

u anke sapun. L-ilma beda niezel skontu ghal taht il-karozza tieghu, b'hekk il-karozzi li bdew jghaddu bdew itajru l-ilma fuq il-karozza tieghu. Zied li missieru (Mark) meta ra dan, bil-kelma t-tajba qallu dan, b'dan li skontu l-imputat wiegbu li ma messux xtara boathouse aktar 'l isfel minn tieghu. Jghid li hareg certu Antoine jigri u mbotta lil missieru u hu x-xhud dahal bejniethom, qal li sadanittant Etienne gab katina (li issa kienet ghand il-pulizija) u beda jxejjer biha bl-addocc.

In kontroezami dwar fejn kien ipparkjat hu u pparkjata d-dghajsa, qal li hemm kulhadd kien jipparkja faccata tal-boathouse relattiva. Qabel ukoll li din kienet triq privata li kienu jghaddu minnha biss karozzi ta' nies li kellhom il-boat house hemm.

Qal li hu u missieru marru jghidulu biss biex ma jitfax ilma taht il-karozza tieghu. Zied li Antoine ma kellu xejn x'jaqsam, mar u mbotta lill-minuri. Qabel li r-rapport minnhom sar ghax marru l-pulizija fuq il-post.

Min-naha tieghu **Antoine Spiteri** qal li kien qed jiehu shower gol-boathouse tieghu, beda jisma' hafna storbju gej minn barra, hareg u ra lir-ragel ta' ohtu, l-imputat u Mario u Matthew Vella, kollha jillitikaw. Qal li dawn qabdu t-tnejn jaghtuh. Spejga li kif resaq lejhom biex jara x'kien qed jigri Mario u Matthew qabdu jaghtuh. Iddeskriva li hu ra lit-tlieta minnu msemmija jillitkaw bil-kliem biss joffendu lil xulxin.

Qal li il-Vellajiet qabdu jaghtuh u hu beda jiddefendi ruhu. Qal li Etienne beda jzomm lil Mario u mbaghad ferraqhom certu Mario li kellu wkoll boathouse hdejhom. Qal xorta x'hin ferraqhom, Mario xorta mar fuqu u tah daqqa f'wiccu

fuq haddejh.  Qal li beda johroglu hafna demm u anke marru l-ghassa jaghmlu r-rapport.

Esebixxa set ritratti ta’ tmienja (8), mehuda mill-imputat tal-griehi li sofra f’dan l-allegat attakk u certifkat mediku (Dok AS).

Dwar il-litigju bejn Etienne, Mario u Matthew sostna li dawn kienu qed joffendu lil xulxin b’ommijiet rispettivi u li kif hareg hu Mario u Matthew qabdu jaghtuh qal li lanqas biss tawh cans jitkellem.  Zied li hu qatt ma ra katina u ma kienx jaf kif Mario sofra l-griehi.  Spjega li kellu n-nies fuqu (Mark u Matthew) u ma kellux cans joqghod ihares.  Ra lil Etienne izomm lil Mario.  Dwar it-tixjir bil-katina, qal li kieku kien il-kaz, Etienne kien jolqot anke lilu ghax jghid li Mario kien fuqu.  Spjega li Mario u Matthew lilu bdew jaghtuh, bdew it-tnejn fuqu imbaghad spicca biss aggredit minn Matthew ghax Etienne beda jzomm lil Mario.  Zied li hu ma tax kaz il-griehi li sofra Mario, ghax hu kien mohhu fid-demm hiereg minn wiccu.

Il-griei minnu sofferti kienu skont ic-certifikat esebit a folio 115 ta’ natura gravi.

**<u>L-imputat</u>** ghazel li jixhed minn jeddu.  Qal li ohtu kienet xtrat boat u lahalhuha u bdew jixxuttawha.  Qal li Mario Vella beda jghajjat li kienu qed ixarrablu l-karozza tieghu li kienet ipparkjata.  Qal li qallu dan Mario li jekk kien se jxarrablu l-karozza kienet se ddur b’rasu.  Qal li hu njorah u baqa’ jixxotta l-boat ta’ ohtu.  Zied li hu ma bediex ixarrab il-karozza ta’ Vella ghax din kienet ipparkjata anke sitt (6) boathouses il-boghod u ‘l isfel minnu.  Qal li mbaghad Mario u ibnu resqu lejh.  Jghid li hu baqa’ hdejn il-boathouse tieghu,

avvicinawh jghajtu.  Qal ukoll li hu ma kellu ebda htija li l-boathouse tieghu (ta’ Vella) kienet aktar il-fuq.  Spjega li dawn kienu boathouses mhux appartamenti u li huma (Vella) ghamlu l-boathouse bhala l-flat mentri tieghu kienet uzata bhala tali.  Qal li dawn gieli kienu jostakolaw l-inzul tad-dghajjes u ngenji ghax gieli kien jipparkja l-karozza fuq il-bankina.  Spjega li ta’ njoranti li kienu, t-tlieta kemm huma bdew joffendu lil xulxin,  li huma Vella bdew nezlin ‘l isfel u lit-tifel (Matthew) beda joffendieh bil-familja u hu beda allura joffendihom lura.  Qal li hareg hatnu Antoine Spiteri, minn boathouse zewg bibien il-fuq u bdew jaghtuh.  Qal li kif ra hekk hu mar biex jiddefendi lil hatnu li ma kellux x’jaqsam.  Qal li peress li idejh ma kinitx taghtih, minhabba nuqqas ta’ funzjoni biha,  waqghatlu l-katina ma’ l-art u rnexxielu jifred lil Mario b’idejh.  Qal li wasal fuq is-sit certu Johnny, dan ferraqhom, mentri l-imputat zamm lil Mario llokjat that idejh, qal li kif telqu lil dana, Mario mar ta daqqa ta’ ponn f’wicc Antoine Spiteri u faqghalu wiccu.

Qal li kellu jiehu lil dan Antoine l-ENT u li kif waslu lura sabu lil Mario flimkien ma’ shabu fil-boathouse jixorbu u jieklu l-pizza.

In kontro ezami qal li jista’ jkun li bejn u bejn Vella kien hemm erbgha (4) boathouses mhux sitta (6), distanza ta’ erbghin (40) pied zgur.

Qal li kien qed jahsel id-dghajsa bil-barmil u l-pipe u li l-ilma kien ghaddej, jiskula fit-triq.  Qal li Vella beda jghajjat li jekk ixxarabblu l-karozza kien idur b’rasu.  Sostna li l-glieda sehhet quddiem il-boat house tieghu (tal-imputat), quddiem it-tarag ezatt.

Qal li hu qabad il-katina biex jifred lil Mario minn ma' Antoine. Innega li hu ta daqqa bil-katina lil dana Mario, zied li hu ma setghax jghawweg idu. Ma setghax ixejjer Katina kif supost. Ammetta pero li kien hu li gabar il-katina minn mal-art, cioe' minn idu, biex jifred lil Mario minn ma' Antoine. Qal li din waqghet ma' l-art u gabritha mart Mario. Ammetta li hu qal lill-pulizja li hu kien uza l-katina biex jiddefendi ruhu u anke biex jifred lil Mario minn ma' Antoine. Zied li l-katina hu gabarha minn ma' l-art. Spjega li hu barra affarijiet (imsejha minnu personali) kien ibati minn dislocation fi spalltu, ghalhekk qabad il-katina biex jiddefendi ruhu, mar biexjfred. Spjega li hu bil-katina, libisha lilu (lil Vella Mario ) u gibdu lura.

Esebixxa erbgha (4) certifikati, Dok EF certifikati medici. Dok EF1 kienu ritratti fejn spjega l-pozizzjoni tal-garaxx tieghu u ta' Vella, immarkati minnu bi vlegeg hodor (folio 96 – 100).

Maghluqa l-provi semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi bla dubju ta' xejn fejn il-litigju li nqala' bejn l-imputat Vella il-missier flimkien ma' ibnu u Antoine Spiteri, spiccaw sofrew griehi ta' ntura gravi kemm Mario Vella kif ukoll l-istess Spiteri.

Dan il-glied beda b'diverbju fuq hasil ta' dghajsa. Frankament dan il-Qorti gia' ma tistax tifhmu, ghaliex boathouses u l-madwar taghhom hu intiz ghad-dghajjes, isimhom maghhom!!

Temmen din il-Qorti li kif l-imputat ippartecipa billi tela’ u hasel dghajsa kien ghalhekk kapaci u setgha juza katina. Temmen ukoll il-Qorti illi Antoine Spiteri spicca wegga’ ghaliex gie attakkat minn Vella. L-imputat jaccetta li fil-PIRS huwa fl-ewwel lok qal illi uza l-katina biex jiddefendi. Wara jzid illi anke uza l-istess katina biex jiddefendi lil Antoine Spiteri.

Temmen ukoll il-Qorti li kienu Vella li avvicinaw lill-imputat.

Issa biex tigi uzata b’success il-legittima difiza (hawn invokata mid-Didiza) irid jigi sodisfatt dak delineat fl-Artikolu 227(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jaqra hekk:

“*227. L-omiċidju volontarju hu skużabbli -*
*Jekk isir minn persuna illi, fil-waqt li tkun taġixxi taħt iċ-ċirkostanzi msemmijin fl-artikolu 223, toħroġ barra mil-limiti imposti mil-liġi jew mill-awtorità, jew mill-bżonn:*
*Iżda, dan l-eċċess ma jkunx suġġett għal piena, jekk ikun sar minħabba li l-persuna tkun inħasdet, beżgħet jew twerwret.*”

L-Artikolu 223 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, jghid min-naha tieghu:
*“Ma hemmx reat meta l-omiċidju jew l-offiża fuq il-persunahuma ordnati jew permessi mil-liġi jew mill-awtorità leġittima, jew meħtieġa mill-bżonn attwali tad-difiża leġittima ta’ wieħed innifsu jew ta’ ħaddieħor.”*

L-Artikolu 230(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta min-naha tieghu jghid hekk:
*“L-offiża volontarja fuq il-persuna hija skużabbli –*

*(d) fil-każ magħdud bħala skuża għall-omiċidju volontarju fl-artikolu 227(d).”*

Mela biex treggi d-Difiza ta’ skuzant ta’ legittima difiza, il-griehi volontarji kkagunati minn Fenech (ghax il-Qorti temmen li hu uza l-katina) fuq Mario Vella riedu jkunu emergenti minn “bzonn attwali tad-Difiza legittima ta’ wiehed innifsu jew ta’ haddiehor”.

Ikkunsidrat:

Illi Etienne Fenech cjarament hass li kellu juza l-katina biex iwarrab lil Mario Vella (in partikolari) milli jkompli jaggredixxi lil Antoine Spiteri ghalkemm fil-bidu jghid li kien qed jiddefendi lilu nnifsu.

Ma jirrizultax il-Qorti li Etienne Fenech fil-fatt kellu xi bzonn ta’ “*self defence*” ghaliex skontu, sakemm Mario u Matthew Vella attakkaw lil hatnu, il-litigju bejniethom kien wiehed verbali. Qal li hu ra lil Vella (t-tnejn) jaggredixxu lil hatnu, allura bil-katina gibed lil Mario minn fuq hatnu.

Din il-Qorti biex tezamina din l-eccezzjoni taghmel hawn referenza ghal dak li qalet il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Alfred Mallia) v Francis Grima deciza fis-27 ta’ Gunju, 2002 Appell Nru. 46.2002.
“*Illi hu risaput li biex tmexxi pjenament l-eccezzjoni ta’ “legittima difesa” jinhtieg li jinkorru flimkien certi elementi senjatament li jkun hemm attakk jew aggressjoni, li dan l-attakk ikun sar f’daqqa u jkun gravi u ingust, u ukoll li l-perikolu ikun inevitabbli ra li l-agent ma jkollux mezz iehor hlief dak li jkun uza biex jirrespingi l-attakk. Fuq kollox*

*imbaghad ikun hemm bzonn li bejn l-azzjoni (l-attakk) u – reazzjoni ta' dak li jkun ikun hemm il-proporzjonalita'".*

L-istess Qorti issa preseduta mill-Prim Imhallef Vincent De Gaetano fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizja v Julian Mercieca deciza fis-6 ta' Jannar, 2003, qalet hekk dwar din l-eccezzjoni:
*"Wiehed jagixxi in legittima difesa biex jipprova jevita l-hsara li gara gejja fuqu, u mhux biex jirritalja ghal hsara li tkun diga saret".*

Ticcita hawn ukoll din il-Qorti l-istudju fit-tul li ghamlet il-Qorti ta' l-Appell Kriminal (Superjuri) fil-kawza fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta v Eleno sive Lino Bezzina , deciza fl-24 ta' April, 2003 Nru 10/1994:

*"Illi ma' dan wiehed izid li fil-gurisprudenza nostrana jinghad illi fil-konsiderazzjoni tal-kuncett tal-legittima difiza "... huwa appena necessarju jinghad li rekwizit indispensabbli ghad-detriment tal-legittima difiza hija l-inevitabbilita', meta l-akkuzat "cannot escape though he would" bil-korollarju li ma nistghux nitkellmu dwar legittima difiza jekk l-akkuzat "would not escape though he could" (Repubblika ta' Malta v Martin Galea deciza fl-14 ta' Jannar, 10986 – Kollezz. Vol LXX.v. 604)."*

Illi anke l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) kellha okkazjoni sabiex titkellem dwar din id-difiza. Difatti fis-sentenza moghtija mill-isemmija Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija v Salvu Psaila" deciza fid-9 ta' Novembru, 1963 (per Onor. Imh. A.V. Camilleri) inghad illi:-

*"... l-gustifikazzjoni tal-legittima difiza timplika li:*

*Id-deni li jigi repellit mill-agenti jkun ingust fil-kawza tieghu u l-attakk ta' l-assalitur ikun ingust u illegittimu u ghalkemm dan irid jigi rigwardat fis-sens intrinsiku u mill-impressjoni soggettiva li jircevi l-vjolentat eppure min bl-imgieba u kontenju tieghu, ikun kawza mmedjata qabel ma jinsab fil-periklu ma jikkompetilux li jkollu l-impunita' pjena jew shiha;*
*Id-deni jrid ikun attwali u prezenti filwaqt tar-reazzjoni; u fl-ahharnett li*
*Id-deni jkun invevitabbli l-ghaliex bla ma jkun hemm in-necessita' tad-difiza r-reazzjoni ta' min igib 'il quddiem il-"feci sed juri feci" ma jistax jghid li jkun ipprova l-legittimita' ta' l-att 'per se' antiguridiku tieghu. Jinghad imbaghad li huwa accertat fid-Dottrina li d-deni minaccjat u l-perikolu sovrastanti jridu jkunu ta' gravita' u bejniehthom (denim inn banda u perikolu minn naha l-ohra) il-fatt tar-reazzjoni estrinsikata biex l-istess deni jigi evitat irid ikun hemm proporzjalita'."*
*Illi fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija v Augusto Auguliaro deciza fis-26 ta' Awwissu, 1998, intqal minn dik l-istess Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali (sede inferjuri) illi:*
*"Mhux kull min 'jagixxi biex jiddefendi ruhu necessarjament jista' jinvoka dan l-artikolu (b'referenza ghal artikolu 223 tal-Kapitlu 9 tal-Ligjiet ta' Malta. Il-ligi titkellem car dwar il-'bzonn attwali tad-difiza legittima ta' dak li jkun jew ta' haddiehor. Kemm fid-dottrina kif ukoll fil-gurisprudenza taghna hu ormai stabbilit li biex wiehed jista' jinvoka din l-iskriminanti l-aggressjoni subita trid tkun ingusta, gravi w inevitabbli. L-element tal-inevitabilita' jigi nieqes meta wiehed, minflok ma jevita l-inkwiet ossia l-glied li jara gew minn dan ikun jista' b'mod ragonevoli jigi hekk evitat, imur*

*minghajr raguni valida jaffrontah b'mod li jipprecipita huwa stess il-konfront fiziku."*

*Illi kif tajjeb intqal minn Lord Justice Widgery fil-kawza "R vs Julien" (1969) 1 WLR 839):*

*"It is not ... the law that a person threatened must take to his heels and run in the dramatic way suggested by Mr McHale; but what is necessary is that he should demonstrate by his actions that he does not want to fight. He must demonstrate that he is prepared to temporize and disengage and perhaps to make some physical withdrawal; and that that is necessary as a feature of the justification of self-defence is true, in our opinion, whether the charge is a homicide charge or something less serious."*

Illi ghalhekk certament jekk nimxu fuq ir-rekwiziti ben esposti mill-Qrati taghna fil-kaz ta' legittima difiza Etienne Fenech ma'jista' qatt jinvoka din l-eccezzjoni minhabba xi aggressjoni lejh, ghaliex jghid hu stess li bejnietjhom kien hemm biss diverbju, anke jekk jghid ukoll li qabel gie mhedded li jdur b'rasu jekk kien ser ixarrab il-karozza, dan minn Mario Vella. Issa jghid, u tasal biex temmen il-Qorti, li hu ra lil hatnu jigi aggredit. Thoss il-Qorti li l-griehi ta' Mario Vella ma waqghux mis-sema u li Fenech li ghazel li jaqbad il-katina, issa jghid biex jaqla' lil Mario minn ma' hatnu, weggha lil Vella bl-istess katina. L-uzu tal-katina ghall-Qorti jmur kontra l-kuncett ta' proporzjonalita' kif hawn fuq spjegat. Tqis il-Qorti li anke jekk Mario Vella u ibnu kienu qed jaggredixxu lil Antoine, dawn kienu qed jaghmlu dan b'idejhom u ma kellhom ebda arma regolari, jew mod iehor f'idejhom.

Ma tqisx il-Qorti li verament l-uzu tal-katina seta' kien l-uniku mezz illi kellu disponibbli l-imputat biex jiddefendi lil hatnu, aktar u aktar tenut kont tal-fatt illi gia' kif qal hu stess, kienu bl-ghajjat gia' hargu diversi nies ohra mill-"boathouses" rispettivi taghhom.

Illi ghalhekk il-Qorti hawn se taghmel referenza ghall-Artikolu 233(1) tal-Kapitlu 9 ghax ghalkem thoss li Etienne Fenech ecceda dawk il-limiti permessi, ried ukoll jiddefendi lil hatnu, illi ndahal biex iferraq jew jikkalma s-sitwazzjoni ma kellux jigi hekk aggredit. Jaqra hekk dan is-subinciz:

*"(1)Fil-kazijiet imsemmijin fl-artikolu 230(d), l-akkuzat, meta jinsab hati, jehel –*
*Fil-kaz ta' offiza gravi, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux aktar mit-terz tal-piena stabbilita ghad-delitt minghajr skuza;*
*Fil-kaz ta' offiza hafifa maghmula b'wiehed mill-mezzi msemmijin fl-artikolu 217, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux aktar minn xahrejn."*

Certament u bla dubju wkoll il-griehi sofferti minn Vella kienu kif xehed Dr Satia Brata Das ta'natura gravi. Irrizultaw il-fratturi allura gia per durata minhabba z-zmien ta' fejqan ta' l-istess. Griehi li gabu skont dan it-tabib is-segwenti rizultat:

"a fracture of the hand of the second metacarpal of the left hand and he had a puture of the bicep muscle of the left arm." (folio 61)

Spjega li kemm il-frattura u l-qtugh fil-muskolu, u aktar din ta' l-ahhar kienu jiehdu zmien biex jirkupraw.

Huwa komunement saput illi frattura ddum biex tfieq sew alemnu sitt gimghat.

Jghid ukoll Dr Satia li hu kien ikkonstata minhabba l-griehi, “ir-rupture” tal-muskolu a permanent disability (fol 27).

Taghmel ukoll referenza l-Qorti f’dan l-istadju ghad-dokument MV2 esebit minn Mario Vella a folio 57, mahrug dan minn Dr C. Sciberras, fejn hemm konkuz hekk:

*“Mr Vella’s distal biceps tendon L. was torn. There is a bit of a controversy whether to operate or not on this torn tendon, though, I believe,most surgeons would operate. However, a recent evidence showed that if the tendon was no repaired surgically, the long term function of the elbow, though not perfect is quite adequate in a lot of cases. There is a mild decrease in power of flexion of elbow and supination of forearm but no loss of movement. Other muscles help to take over the elbow flexion and forearm supination function. Too much time has passed to consider surgery now.”*

Ghalhekk il-Qorti ssib htija ghax tqis li dawn jirrizultaw fil-konfront tar-reati 214, 215, 218(1)(a)(2) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Tiehu in konsiderazzjoni wkoll li Etienne Fenech sal-grad tal-probabbli setgha kien qed jiddefendi lil hatnu pero’ kif qalet ecceda l-limitu ta’ dan, allura tapplika wkoll fil-konfront tieghu l-artikolu 233(1)(a) tal-Kapitlu 9 tal-Ligjiet ta’ Malta.

Dwar il-kontravenzjoni addebitata cioe ksur ta’ bon ordni u paci pubblika, tqis din pruvata ghax l-istess Fenech ammetta ghal ghajat u kliem hazin fil-pubbliku – allura tqisu hati wkoll

ai termini tal-artikolu 338(dd) tal-Kapitlu 9 tal-Ligjiet ta' Malta.

Dwar il-piena, qieset li ma giet esebita ebda fedina penali, rat ukoll l-artikolu 17 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tikkundannah bl-applikazzjoni tal-artikolu 233(1)(a) tal-Kapitlu 9 ghal piena karcerarja sospiza ta' sitt xhur sospiza ghal sena wara li rat l-artikolu 28A tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fehmet lill-imputat l-obbligazzjonijiet tieghu ai termini tal-imsemmi Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------